# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

Rikors Guramentat Numru: 84/2020SG

John u Frances konjuġi Galea

vs

Dr. Deborah Camilleri li b'digriet tat-tmintax (18)
ta' Diċembru 2019 ġiet nominata bħala
kuratur deputat sabiex tirrapreżenta lill-imsefrin
Felix (Phil) Galea, Joseph Galea; Gratiues Galea;
Maria (Mary) Perry; Concepta (Connie) Conway,
Michael (Mick) Glaea; Annette Kanck; Victor Galea;
Rhylee Angus u Alec Galea; u b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2022,
Dr. Kevin Mompalao ġie maħtur sabiex jirrappreżenta lill-
eredi mhux magħrufa ta' Felix (Phil) Galea u Joseph Galea.

Maximillian u Louise konjuġi Borg[1]

**Illum l-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2024**

Il-Qorti,

---

[1] U b'nota ppreżentata fit-23 ta' Diċembru 2021, l-atturi permezz ta' tali nota kienu ċedew il-kawża odjerna fil-konfront ta' Maximillian u Louise konjuġi Borg biss stante li sar kuntratt ta' trasferiment bejniethom.

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti ppremettew is-segwenti:

1. *Illi Grazio sive Grezzju Galea, iben il-mejtin Joseph Galea u Theresa nee Cefai li kien imwieled iz-Zebbug, Għawdex u martu Filomena Galea bint il-mejtin Mikelangelo Cassar u Vincenza nee Mallia, li kienet imwielda z-Zebbug, Għawdex kienu izzewgu fil-Knisja Parrokkjali taz-Zebbuġ, Għawdex fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 1912. Minn dan iz-zwieg, huma kellhom tmien (8) ulied preċizament: Joanna Galea li twieldet fl-erbatax (14) ta' Awissu tal-elf disa' mija u tlettax (1913); Joseph Galea li twieled fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u sittax (1916), Theresia Galea li twieldet fit-tmienja (8) ta' Marzu tal-elf disa' mija u tlieta u għoxrin (1923), Joseph Galea li twieled fit-tlieta (3) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u erbgħa u għoxrin (1924), Stephen Galea li twieled fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tal-elf disa' mija u sebgħa u għoxrin (1927), George Galea li twieled fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tal-elf disa' mija u disgħa u għoxrin (1929), Maria Galea li twieldet fil-ħdax (11) ta' Awissu tal-elf disa' mija u wieħed u tletin (1931) u Carmelus Galea li twieled fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tal-elf disa' mija u erbgħa u tletin (1934). Dan skont hekk kif konfermat mill-istatus animarum tal-Parroċċa taz-Zebbug, Għawdex hawn anness u markat bħala Dokument K indikat aktar 'l isfel;*

2. *Illi Joseph Galea (li twieled fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas- sena elf disa' mija u sittax (1916)) u Carmelus Galea mietu fil-ħdax (11) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u sittax (1916) u fl-għoxrin (20) ta' Ġunju tal-elf disa' mija u erbgħa u tletin (1934) rispettivament u għalhekk qabel l-istess genituri tagħhom. Dan skont hekk kif konfermat mill-istess Dokument K indikat aktar 'l isfel;*

3. *Illi Grazio sive Grezzju Galea miet fiz-Zebbuġ, Għawdex fit-tmienja (8) ta' Frar tal-elf disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) fl-eta ta' tlieta u sebgħin (73) sena. Dan skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu li kopja tiegħu hija annessa u markata bħala Dokument A. Grazio sive Grezzju Galea irregola l-wirt u suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment datat sittax (16) ta' Jannar tal-elf disa' mija wieħed u ħamsin (1951) fejn bis-saħħa tiegħu huwa innomina bħala werrieta lil uliedu Joanna, Theresia, Joseph, Stephen, George u Maria fi kwoti indaqs u indivizi bejniethom. Kopja tat-testment huwa anness u markat bħala Dokument B. Kopja tac-certifikati dwar ir-riċerki tat-testmenti pubblici u sigrieti huma hawn annessi u markati bħala Dokumenti C u D rispettivament. Id-denunzja ta' Grazio sive Grezzju Galea li saret mad-Dipartiment Tat-Taxxi Interni hija annessa u markata bħala Dokument E;*

4. *Illi Filomena Galea, armla ta' Grazio sive Grezzju mietet fiz-Zebbug, Għawdex fis-sbatax (17) ta' Jannar tal-elf disa' mija u tlieta u sebgħin (1973) fl-eta' ta' tmenin (80) sena. Dan skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt tagħha hawn anness u markata bħala Dokument F. Filomena Galea irregolat il-wirt u suċċessjoni tagħha bis-saħħa ta' testment datat sittax (16) ta' Jannar tal-elf disa' mija wieħed u ħamsin (1951) fejn bis-saħħa tiegħu hija innominat bħala werrieta lil uliedha Joanna, Theresia, Joseph, Stephen, George u Maria fi kwoti indaqs u indivizi bejniethom. Kopja taċ-ċertifikati dwar ir-riċerki tat-tesmenti pubbliċi u sigrieti huma hawn annessi u markati bħala Dokument G u H. Id-denunzji ta' Filomena Galea li saru mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni huma annessi u markati bħala Dokument I u J;*

5. *Illi għalhekk b'applikazzjoni tat-testment tas-sittax (16) ta' Jannar tal-elf disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) il-wirt u s-suċċessjoni tal-istess konjuġi Grazio sive Grezzju u Filomena Galea għadda fil- kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża lil kull wieħed minn uliedhom preċiżament Joanna, Theresia, Joseph, Stephen, George u Maria;*

6. *Illi Joanna Galea, l-ewwel wild tal-konjuġi Grazio sive Grezzja u Fillomena Galea iżżewġet lil Francesco Galea fit-tmintax (18) ta' Settembru tal-elf disa' mija u sebgħa u tletin (1937) u minn dan iż- żwieġ hija kellha tmint (8) ulied preċiżament: Eucharisticus Galea li twieled fis-sittax (16) ta' Gunju tal-elf disa' mija u tmienja u tletin (1938), Felix Galea li twieled fis-sittax (16) ta' Jannar tal-elf disa' mija u erbgħin (1940), Joseph Galea li twieled fil-ħmistax (15) ta' Mejju tal-elf disa' mija wieħed u erbgħin (1941), Gratio Galea li twieled fis-sittax (16) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u tlieta u erbgħin (1943), Maria Galea li twieldet fil-ħdax (11) ta' Frar tal-elf disa' mija u sitta u erbgħin (1946), Concepta u Theresia Galea li twieldu t-tnejn fit-tmienja (8) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u sebgħa u erbgħin (1947) u Victor Galea li twieled fis-sebgħa (7) ta' Awissu tal-elf disa' mija u disgħa u erbgħin (1949). Dan skont kif konfermat mill-istess Dokument K;*

7. *Illi Eucharisticus Galea, iben Joanna Galea, miet fl-Awstralja bid- data tal-mewt tiegħu mhix magħrufa. Sa fejn jaf l-esponenti huwa kellu żewġ ulied Carol Angus u Sam Galea. Minn informazzjoni miksuba mill-esponenti, kemm Carol Angus kif wkoll Sam Galea, ulied Eucharisticus Galea illum huma wkoll mejtin bid-data tal- mewt tagħhom mhix magħrufa. Carol kellha tifla waħda li jisimha Rhylee Angus filwaqt li Sam kellu tifel wieħed li jismu Alec Galea. Sa fejn jaf l-esponenti dejjem, kemm Rhylee Angus u Alec Galea għadhom ħajjin pero l-esponenti m'għandu l-ebda kuntatt magħhom;*

8. *Illi Theresia Galea, bint Joanna Galea mietet fl-erbatax (14) ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u erbgħin (1948) u għalhekk qabel ommha u qabel in-nanniet materni tagħha;*

9. *Illi Theresia Galea, bint Grazio sive Grezzju u Filomena konjuġi Galea, iżżewġet lil Francesco Axiak fl-erbgħa (4) ta' Frar tal-elf disa' mija u ħamsin (1950) u minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx ulied;*

10. *Joseph Galea, iben Grazio sive Grezzju u Filomena konjuġi Galea, iżżeweġ lil Giuseppa Saliba fl-erbatax (14) ta' Frar tal-elf disa' mija u sitta u ħamsin (1956) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom lil John Galea, ir-rikorrenti odjern, li twieled fit-tlieta (3) ta' Ġunju tal-elf disa' mija u sebgħa u ħamsin (1957);*

11. *Illi t-tlett ulied l-oħra ta' Grazio sive Grezzju u Filomena Galea, preċiżament Stephen, George u Maria baqgħu qatt ma iżżewġu;*

12. *Illi Joanna (magħrufa wkoll bħala Jane) Galea mietet fl-eta' ta' sebgħa u tmenin (87) sena fl-Awstralja fit-tnax (12) ta' Ġunju tal- elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) hekk kif jikkonferma ċ- ċertifikat tal-mewt tagħha hawn anness u markat bħala Dokument L. Fit-termini tat-testment li sar mill-istess Joanna Galea fis-sbatax (17) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u sitta u disgħin (1996) li ġie probated fl-ewwel (1) ta' Settembru tal-elf disa' mija u disgħa u disgħin*

*(1999), Joanna sive Jane Galea innominat bħala eredi tagħha fi kwoti indaqs u indivizi bejniethom lil uliedha Michael Galea, Graz Galea, Victor Galea, Mary Perry, Connie Conway, Antonia Kanck u lin-neputijiet tagħha Carol Galea u Sam Galea. Kopja tat-testment u tal-probate huma annessi u markati bħala Dokument M;*

13. *Joseph Galea, iben Grazio sive Grezzju u Filomena konjuġi Galea miet fl-għaxra (10) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u tlieta u sittin (1963) skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u markat bħala Dokument N. Joseph Galea miet intestat hekk kif jikkonfermaw kopja taċ-ċertifikati dwar ir-ricerki tat-testmenti pubbliċi u sigrieti huma annessi u markati bħala Dokumenti O u P. Għalhekk il-wirt tiegħu waqa' fuq l-uniku wild tiegħu li huwa l- esponenti John Galea;*

14. *Theresia armla ta' Francis Axiak, bint Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea, mietet fit-tnax (12) ta' Lulju tal-elf disa' mija u disgħin (1990) u dan skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal- mewt hawn anness u markat bħala Dokument Q. Theresia Axiak irregolat il-wirt u suċċessjoni tagħha bis-saħħa ta' diversi testmenti. Bis-sahha ta' testment datat tlieta u għoxrin (23) ta' Awissu tal-elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1979) fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, preciżament fit-tieni artikolu tat-testment suċitat hija ħalliet b'titolu ta' legat lill-oħtha Marija Galea s-sehem spettanti lilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea. Kopja tat-testment huwa anness u markat bħala Dokument R. Kopja tac-certifikati tar-riċerki tat- tesmenti pubblici u sigrieti huma annessi u markati bħala Dokumenti $ u T. Kopja tat-testmenti l-ohra sussegwenti redatti minn Theresia Axiaq minn fejn jirrizulta li t-testment tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu 1979 qatt ma gie revokat huma annessi u markati bhala Dokumenti U sa Z (Testmenti datati: hamsa u għoxrin (25) ta' Settembru 1980; disgha (9) ta' Jannar 1984; tmintax (18) ta' Novembru 1985; erbgha (4) ta' Awissu 1987; tnax (12) ta' Marzu 1990; tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 1990; kollha saru fl-atti Nutar Michael Refalo);*

15. *Maria Galea, bint xebba ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjuġi Galea, mietet fl-Awstralja fit-tlieta (3) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u markat bħala Dokument AA. Hija irregolat il-wirt u s- suċċessjoni tagħha in kwantu jirrigwarda l-propjeta li hija kellha f Malta u Għawdex bis-saħħa ta' testment datat sbatax (17) ta' Novembru tal-elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) pubblikat fl- atti tan-Nutar Paul George Pisani fejn bis-saħħa tiegħu hija innominat bħala werrieta assoluta tagħha għall-propjeta tagħha f Malta u Għawdex lil Mary Perry. Kopja tat-tesment tagħha hija annessa u markata bħala Dokument AB. Kopja taċ-ċertifikati dwar ir-ricerki tat-testmenti pubbliċi u sigrieti huma annessi u markati bħala Dokumenti AC u AD;*

16. *George Galea, iben Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea miet l-Awstralja fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu hawn anness u markat bħala Dokument AE. Huwa irregola l-wirt u suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment datat dsatax (19) ta' Frar tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) li sar l-Awstralja, li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata bħala Dokument AF. Kopja tal-probate ta' dan it-testment hija annessa u markata bhala Dokument AF1. Kopja tac-certifikati dwar ir-ricerki tat-testmenti pubblici u sigrieti ta' George Galea huma hawn annessi u markati bħala*

*Dokumenti AG u AH. Minnhom jirriżulta li George Galea m'għamel l-ebda testment f'Malta u Għawdex;*

17. *Stephen Galea, iben Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea miet l-Awstralja fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) skont kif jikkonferma ċ-ċertikat tal-mewt tiegħu hawn anness u markat bħala Dokument Al. Huwa irregola l-wirt u suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment datat sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) li sar fl-Awstralja, bis- saħħa ta' liema huwa innomina lill-esponenti John Galea u Mary Theresa Cascun bħala werrieta universali tiegħu fil-kwoti ta' erba' partijiet ħamsa (4/5) indiviżi John Galea u kwinta parti indiviż (1/5) Theresa Cascun. Kopja tat-testment tiegħu hija hawn annessa u markata bħala Dokument AJ. Kopja tal-probate ta' dan it- testment hija annessa u markata bħala Dokument AJ1. Kopja tac- certifikati dwar ir-ricerki tat-testmenti pubblici u sigrieti ta' Stephen Galea huma hawn annessi u markati bħala Dokumenti AK u AL. Dawn jikkonfermaw li Stephen Galea m'għamel l-ebda testment ieħor f'Malta u Għawdex. Id-dikjarazzjoni causa mortis ta' Stephen Galea ġiet pubblikata nhar it-tnejn (2) ta' Awissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-atti tan-Nutara Mariosa Grech. Kopja tagħha hija annessa u markata bħala Dokument AM;*

18. *Illi bis-saħħa ta' kuntratt datat tlieta (3) ta' Awissu tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) pubblikat fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, r-rikorrent John (Giovanni) Galea fil-kwalita tiegħu ta' suċċessur fit-titolu ta' Joseph Galea ċeda u assenja lil Theresa Axiak id- drittijiet kollha reali u personali illi l-istess John (Giovanni) Galea kellu mill-wirt u s-suċċessjoni tan-nanniet paterni tiegħu (liema sehem huwa kien wirtu mingħand missieru John Galea), liema drittijiet kienu jikkonsistu f'sest indiviż (1/6) jew sehem verjuri mill-istess eredita. Kopja tal-kuntratt ta' ċessjoni huwa anness u markat bħala Dokument AN;*

19. *Illi in vista li din iċ-ċessjoni saret fiż-żwieġ ta' Theresa Axiak ma' Francis sive Frenc Axiak, l-istess Francis Axiak akkwista nofs indiviż (1/2) ta' dan is-sest (1/6) indiviż jew sehem verjuri;*

20. *Illi Francis sive Frenc Axiak ġie nieqes fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985), skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u markat bħala Dokument AO. Huwa rregola l-wirt u suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment datat ħdax (11) ta' Frar tal-elf disa' mija u sitta u sebgħin (1976) pubblikat fl-atti tan-Nutar Antonio Galea (kopja annessa bħala Dokument AP) kif emendat b'żewg testmenti oħra wieħed datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tal-elf disa' mija u tmenin (1980) (Dokument U) u l-ieħor tad-disgħa ta' Jannar tal- elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984) (Dokument V) it-tnejn pubblikati fl-atti tan-Nutar Michael Refalo li permezz tagħhom huwa innomina bħala werrieta tiegħu lil martu Theresa Axiak. Kopja taċ-ċertifikati dwar ir-riċerka tat-testmenti pubbliċi u sigrieti huma annessi u markati bħala Dokument AQ u AR;*

21. *Illi għalhekk in segwitu għal mewt ta' żewgha, Theresa Axiak spiccat b'żewg sesti (2/6) indiviżi mill-wirt u successjoni tal- genituri tagħha Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea: is-sest indiviż li hija kienet wirtet direttament mingħand l-istess genituri tagħha u s-sest indiviż l-ieħor akkwistatu flimkien ma' żewgha mingħand John Galea qua successur fit-titolu ta' Joseph*

*Galea. Dawn l-ishma eventwalment waqgħu f'idejn Maria Galea u sussegwentement f'idejn Mary Perry. Dan kif indikat aktar 'l fuq;*

22. *Illi bis-saħħa ta' kuntratt datat tnejn (2) ta' Awissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) pubblikat fl-atti tan-Nutara Mariosa Grech, kopja annessa u markata bħala Dokument AS, Mary Theresa Cascun biegħet lir-rikorrenti John u Frances konjuġi Galea, sehemha mid- dar bin-numru tlieta u tletin (33), Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Zebbug, Għawdex u l-porzjonijiet art magħrufa bħala "Taċ-Ċakra" fil-limiti taż-Zebbug, Għawdex, liema sehem mill-propjetajiet Mary Therese Cascun kienet wirtithom mill-wirt u s-suċċessjoni ta' Stephen Galea;*

23. *Illi bis-sahha ta' kuntratt datat erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2001) pubblikat fl-atti tan-Nutara Mariosa Grech, Maria Galea bint Grazio Galea u Filomena nee Cassar, bieghet lill-intimati Maximillian u Louise konjugi Borg is-sehem taghha ta' kwinta (1/5) parti indiviza mill-art maghrufa bhala "Ta' Kelment" fl-akkwati "Tac-Cakra" fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u ghoxrin metru kwadru (120m.k.) konfinanti min-nofsinhar u mit- tramuntana ma' propjeta tal-konjugi Borg u Ivant ma' passagg. Kopja tal-kuntratt ta' trasferiment huwa anness u markat bhala Dokument AT;*

24. *Illi l-kwoti spettanti lill-kontendenti mill-wirt u s-successjoni ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjuġi Galea huma kif indikat fid- dokument anness u markat bhala Dokument AU. L-istess Dokument fih wkoll arblu tar-razza tal-istess familja ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea;*

25. *Illi apparti mobbli u immobbli oħra li jista' jkun hemm għad- diviżjoni, sa fejn jafu l-esponenti l-propjetajiet immobbli li żgur hemm għad-diviżjoni huma: (a) id-dar uffiċjalment markata bin-numru tlieta u tletin (33), fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Zebbug, Għawdex murija aħjar delineata bl-aħmar fuq is-site plan markata bħala Dokument AV; (b) diversi porzjonijiet art adjaċenti għal xulxin magħrufa bħala "Taċ-Ċakra" fil-limiti taż-Zebbug, Għawdex tal-kejl ta' cirka tmien mija u tmien metri kwadri (808m.k.) konfinanti tramuntana ma' beni ta' Stella Galea, nofsinhar ma' propjeta ta' Anthony Cini u Ivant ma' passaġġ bla isem li jagħti għal fuq Triq il-Madonna taċ-Ċiċri murija aħjar delineati bl-aħmar fuq is-site plan hawn annessa u markata bħala Dokument AW. Dawn iż-żewġ propjetajiet ġew stmati mill-Perit Saviour Micallef. Id-dar ġiet stmata fl-ammont ta' mitt elf ewro (€ 100,000) filwaqt li l- porzjonijiet art adjaċenti magħrufa bħala "Taċ-Ċakra" ġew stmati fl-ammont ta' sitt elef ewro (€ 6,000). Kopja tal-istima redatta mill-istess Perit Micallef hija annessa u markata bhala Dokument AX;*

26. *Illi r-rikorrenti ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-intimati tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u s- successjoni ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea;*

27. *Illi minkejja li l-intimati (dawk dixxendenti tal-istess konjugi Galea) gew interpellati permezz ta' ittri interpellatorji datati wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2019 u sbatax (17) ta' April 2019 (Kopji annessi bhala Dokument AY u AZ rispettivament) u permezz tal- ittra uffiċjali tas-sebgħa (7) ta' Novembru 2019, ittra ufficjali numru 681/2019 (Kopja annessa bhala Dokument BA) ghal- likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-assi formanti parti mill-ereditajiet ta'*

*Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawża;*

*Ghidu ghalhekk intom intimati ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti salv kwalsiasi dikjarazzjoni ohra opportuna:*

1. *tillikwida l-beni gia` formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

2. *tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Grazio sive Grezzju Galea u lill-assi partikolari ta' Filomena Galea;*

3. *tillikwida l-beni partikolari ta' Grazio sive Grezzju Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħad, u dawk l-aṣṣi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *tillikwida l-beni partikolari ta' Filomena Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħad, u dawk I-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea fil-kwoti indikati fid-Dokument AU anness ma' dan ir-rikors ġuramentat jew kwota ohra verjuri li tista' tirrizulta waqt is- smiegħ ta' din il-kawża u tassenja l-beni lill-istess kontendenti fil-kwoti hekk riżultanti u spettanti lilhom*

6. *taħtar Nutar pubbliku u tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal- opportun att tad-diviżjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l- istess att;*

7. *fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta illi l-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni tal-istess beni bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji sabiex ir-rikavat jiġi spartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħad;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2019 u tas-sbatax (17) ta' April 2019 u tal-ittra uffiċjali tas-sebgħa (7) ta' Novembru 2019, ittra uffiċjali numru 681/2019 kontra tagħkom;*

*Bl-ingunzjoni għas-subizzjom illi għaliha minn issa intom inguinti."*

Rat ir-risposta ta' Maximillian u Louise konjuġi Borg tal-11 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha eċċeppew is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet tal-atturi huma intempestivi stante illi l-konvenuti Maximilliam u Louise konjugi Borg qatt ma gew interpellati la b' ittra interpellatorja u lanqas b' ittra ufficcjali sabiex jersqu biex issir id-divizjoni mitluba mill-atturi u ghalhekk ma ghandhom ibatu l-ebda spejjes ta' din il-procedura;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li ma jistax jkun hemm l-integrita' tal-gudizzju stante illi l-eredi ta' Maria Galea bint Grezzju Galea u Filomena Galea mhux inkluz f' dan ir-rikors guramentat;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess konvenuti konjugi Borg qatt ma opponew li ghandha issir d-divizjoni tal-assi ereditajri indikati fit-talba tal-atturi purche jigu detrminati l-ishma li ghandu jghaddi ghand kull parti f' din il-kawza;*

*Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjes.*

*Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa l-atturi konjugi Galea huma ngunti."*

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Deborah Camilleri nomine ppreżentata fl-20 ta' Jannar 2021 fejn eċċeppiet:

i. *Illi preliminarjament trid tigi stabbilita l-konsistenza tal-kwoti u tal-persuni li ghandhom sehem mill-wirtijiet in divizjoni, kif ukoll il-konsistenza tal-beni mertu tal-istess.*

ii. *Illi l-esponenti mhix edotta mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant ma hijiex f'posizzjoni li tissolleva l-eccezzjonijiet kollha applikabbli skond il-Ligi. Difatti fil-prezenti hija ghad ma ghandha l-ebda kuntatt mal-persuni minnha rapprezentati. Ghalhekk filwaqt li tirrimetti ruhha ghall-provi migjuba, hija qeghda tirriserva illi tipprezenta risposta guramentata ulterjuri jekk u meta hija tkun fil-pussess tal-informazzjoni kollha mertu tal-kaz.*

*Salvi u impregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Ix-xhieda kollha citati mir-rikorrenti li l-intimata eccipjenti qeghda taghmel taghha ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.*

*Salvi xhieda ohra li l-esponenti ma hijiex edotta minnhom f'dan l-istadju.*

Rat ir-risposta ta' l-avukat Dottor Kevin Mompalao nomine ppreżentata fit-28 ta' Marzu 2023 li fiha ġie eċċepit is-segwenti:

1. *Illi l-esponenti nomine ma huwiex edott mil-fatti li taw lok ghal din il-kwistjoni u ghaldaqstant qed jirrimetti ruhhu fid-dawl tal-provi miġbura, salv li jirrispondi ultirjorment fl-eventwalita li l-eredi mhux maghrufa jiġu stabbiliti. Jiddikjara li issa dan l-istadju l-eredi minn rappreżentati ghadhom ma humiex maghrufa lilu.*

2. *Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-kuratur Dr. Kevin Mompalao li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti kif esposti.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-affidavit ta' John Galea.

Semgħet ix-xhieda tal-Perit Saviour Micallef.

Rat l-affidavit ta' Dun Rueben Micallef.

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Lulju 2021 fejn ħatret lil Perit Claude R Mallia bħala perit tekniku.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku.

Rat in-nota tal-atturi tat-23 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha kienu ċedew il-kawża odjerna fil-konfront ta' Maximillian u Louise konjuġi Borg biss stante li sar kuntratt ta' trasferiment bejniethom.

Rat l-inkartament kollu.

Rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawża li qed titlob id-diviżjoni tal-ereditajiet ta' Grazio sive Grezzju Galea u Filomena Galea.

Illi mill-atti jirriżulta li għal dik li hija konsistenza tal-assi li lkoll jikkonsistu fi proprjeta' mmobbli, il-konvenuti nomine ma ressqu l-ebda prova li hemm xi assi oħra appartenti f' dawn l-ereditajiet għajr dawk li semmew l-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom.

In oltre, mill-atti sussegwenti għall-preżentata tar-rapport tal-Perit tekniku Perit Claude R. Mallia, ma jirriżultax li l-partijiet ikkontestaw il-konklużjonijiet tal-perit tekniku għal dak li għandu x' jaqsam ma' stima ta' valur u għal dak li għandu x'jaqsam dwar jekk il-proprjeta' hijiex komodament diviżibbli.

**<u>Assi ta' l-eredita'</u>**

Għaldaqstant din il-Qorti mill-provi dokumentarji mressqa tasal għal konkluzzjoni li l-assi nklużi fl-eredita tad-decuji msemmija huma s-segwenti:

i. **proprjeta f' numru 33, Triq il-Madonna taċ-Ċicri, Żebbuġ, Għawdex stmata mill-perit tekniku fis-somma ta' €141,900;**

ii. **proprjeta' li tinsab f' raba' fil-kuntrada magħrufa Ta' !akra, limiti taż-Żebbuġ Għawdex stmata mill-perit tekniku fis-somma ta' €8,500;**

Stante li rriżulta li l-kwoti hekk rapportati f' Dok AU (hekk kif emendat bid-digriet tat-30 ta' Novembru 2023) a fol. 157 u fl-arblu tar-razza a fol. 158 ma ġewx ikkontestati, din il-Qorti taqbel ukoll ma' dak konkluż mill-perit tekniku fis-sens li l-propjetajiet in diviżjoni mhumiex komodament diviżibbli.

**Ishma rispettivi tal-partijiet**

Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tordna li entrambi dawn il-proprjetajiet għandhom jinbiegħu bil-liċitazzjoni skont il-valur hawn fuq indikat bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei. Ir-rikavat għandu jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti u ċioe' in linea ma' dak ravviżat f' Dokument AU eżebit a fol 158 (hekk kif emendat skont id-digriet tat-30 ta' Novembru 2023) u ċioe:

- Victor Galea fis-sehem ta' 1/54
- Rhylee Angus fis-sehem ta' 1/108
- Alec Galea fis-sehem ta' 1/108
- Felix Galea fis-sehem ta' 1/54
- Joseph Galea fis-sehem ta' 1/54
- Gratio Galea fis-sehem ta' 1/54
- Maria Perry fis-sehem ta' 14/27
- Concepta nee' Galea fis-sehem ta' 1/54
- Michale Galea fis-sehem ta' 1/54
- Annette nee' Galea fis-sehem ta' 1/54
- John Galea fis-sehem ta' 1/3

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi t-talbiet mertu ta' din il-kawża, billi tiddikjara li l-assi ereditarji tal-konjuġi Grazio sive Grezzju u Filomena konjuġi Galea jikkonsistu fi (i) proprjeta bin-numru 33, Triq il-Madonna taċ-Ċicri, Żebbuġ, Għawdex stmata mill-perit tekniku fis-somma ta' €141,900 u (ii) proprjeta' li tinsab f' raba' fil-kuntrada magħrufa Ta' Ċakra, limiti taż-Żebbuġ Għawdex stmata mill-perit tekniku fis-somma ta' €8,500 u tordna li dawn il-proprjetajiet għandhom jinbiegħu in liċitazzjoni taħt l-awtorita' ta' din il-Qorti bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei u r-rikavat għandu jinqasam bejn il-partijiet skond il-kwota rispettiva tagħhom ndikata iktar 'll fuq fil-parti ntestata bħala 'Ishma rispettivi tal-partijiet'. Mill-bqija qed tiċħad dawk it-talbiet ta' l-atturi u dawk l-eċċezzjonijiet tal-

konvenuti li huma inkompatibbli ma’ dak li għadu kif ġie deċiż minn din l-Onorabbli Qorti.

L-ispejjeż tal-kawża, billi din hija kawża ta’ diviżjoni, għandhom jiġu ssopportati proporzjonalment mill-kontendenti kollha, kulħadd skont is-sehem tiegħu, ħlief għal dawk l-ispejjeż kollha relatati ma’ l-intimati Maximilian u Louise konjuġi Borg li għandhom jiġu sopportati interament mir-rikorrenti John u Frances konjuġi Galea.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

24.01.2024 – Sup84.2020 – Galea John et vs Dr. Camilleri Deborah noe et
3975